MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Numru 683/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**ALAN FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alan Fava ta 26 sena iben Alfred u Mary nee' Lija, imwieled Pieta' nhar 16/08/1985, u residenti Nru. 12, Triq il-Grazzja, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita numru: 415385(M).

Gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' Gunju 2012, fl' 4:30 ta' filghodu fi Triq Wilga, f'San Giljan:

1) Ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tisskorrix il-valur ta' **1,164.69 ewro** izda tiskorri **116,47 ewro** ghad dannu ta' Lucienne Lia u dan bi ksur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Art 325 (1) (b).

2) U aktar talli fl-istess hin lok u cirkustanzi, ikkaguna biza lil- Lucienne Lia, u li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghha.

3) Akkuzat ukoll li fl-istess data lok u hin kiser il-paci pubblika b'ghajjat storbju jew glied.

Il-Qorti giet mitluba biex tikkunsidra l-imputat recidiv ai termini tal-artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok GS4 u nnutat li l-imputat Alan Fava m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Lucienne Lia presenti fl-Awla iddikjarat li l-imputat hallasha l-ammont kollu tal-hsarat sofferti minnha rigward dan l-incident.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li jkun opportun, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq, li l-imputat jitpogga taht Ordni ta’ Probation ghall-fini li jkun assistit dwar il-problema ta'

*anger management* u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati simili.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 251(B), 338(dd), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alan Fava, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-parte civile Lucienne Lia fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, inkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imsemmi Alan Fava, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Alan Fava taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imputat ikun assistit biex jevita l-problema ta' *anger management* u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati simili, inoltre tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (Ewro 233) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Alan Fava.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Alan Fava kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Alan Fava b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li

jzomm il-kwiet ma' Lucienne Lia u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Alan Fava l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------